**IL-LIVELLI 5-6-7-8**

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2014**

## L-EWWEL SENA L-ISTUDJI SOĊJALI L-ISKEMA TAL-MARKI

### Taqsima A

1. l-ugwaljanza **Unit 2, Objective 2, Learning Outcome Level 7**
2. globali **Unit 1, Objective 2, Learning Outcome Level 8**
3. gruppi **Unit 1, Objective 3, Learning Outcome Level 7**
4. etniċi **Unit 1, Objective 5, Learning Outcome Level 7**
5. razzjali **Unit 1, Objective 5, Learning Outcome Level 7**
6. konsumatur **Unit 3, Objective 2, Learning Outcome Level 6**
7. pjan **Unit 3, Objective 5, Learning Outcome Level 7**
8. produzzjoni **Unit 3, Objective 1, Learning Outcome Level 6**
9. ambjent **Unit 2, Objective 1, Learning Outcome Level 7**
10. prodotti **Unit 3, Objective 2, Learning Outcome Level 6**

**Total: marka x 10 = 10 marki**

### Taqsima B

| | | |
|---|---|---|
| 1. Ix-xogħol ta' għalliem u tabiba | **6** | **Unit 2, Objective 3, Learning Outcome Level 6** |
| 2. F'soċjetà demokratika | **5** | **Unit 2, Objective 4, Learning Outcome Level 5** |
| 3. Il-komunità lokali | **11** | **Unit 3, Objective 5, Learning Outcome Level 5** |
| 4. Ir-rispett reċiproku | **8** | **Unit 1, Objective 1, Learning Outcome Level 5** |
| 5. Il-vuċi tal-istudenti fi skola | **2** | **Unit 2, Objective 3, Learning Outcome Level 7** |
| 6. Il-ħlas tat-taxxi | **10** | **Unit 1, Objective 2, Learning Outcome Level 8** |
| 7. Opinjonijiet differenti | **9** | **Unit 1, Objective 3, Learning Outcome Level 8** |
| 8. Kull individwu | **3** | **Unit 1, Objective 1, Learning Outcome Level 6** |
| 9. Gruppi differenti | **4** | **Unit 2, Objective 1, Learning Outcome Level 7** |
| 10. L-identità soċjali | **1** | **Unit 3, Objective 2, Learning Outcome Level 7 (Eżempju)** |
| 11. It-tfaddil ta' flus | **7** | **Unit 2, Objective 1, Learning Outcome Level 5** |

**Total: marka x 10 = 10 marki**

### Taqsima C

| | |
|---|---|
| 1. (b) | **Unit 1, Objective 4, Learning Outcome Level 8** |
| 2. (c) | **Unit 2, Objective 3, Learning Outcome Level 7** |
| 3. (c) | **Unit 2, Objective 1, Learning Outcome Level 7** |
| 4. (a) | **Unit 3, Objective 3, Learning Outcome Level 5** |
| 5. (b) | **Unit 2, Objective 3, Learning Outcome Level 8** |

| | |
|---|---|
| 6. (c) | **Unit 3, Objective 1, Learning Outcome Level 6** |
| 7. (a) | **Unit 1, Objective 2, Learning Outcome Level 8** |
| 8. (b) | **Unit 1, Objective 1, Learning Outcome Level 7** |
| 9. (a) | **Unit 1, Objective 1, Learning Outcome Level 7** |
| 10. (c) | **Unit 3, Objective 1, Learning Outcome Level 7** |

**Total: marka x 10 = 10 marki**

**Taqsima D**

| **Numru** | **Marki** | **Tweġiba**<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra rilevanti u valida għandha tiġi aċċettata.* | |
|---|---|---|---|
| 1 | 1,1 | **VERU** | Il-libertà u l-ugwaljanza jimplikaw kemm drittijiet kif ukoll responsabbiltajiet.<br>**Unit 2, Objective 3, Learning Outcome Level 6** |
| 2 | 1,1 | **FALZ** | Persuna materjalista żgur li qatt ma tkun kuntenta b'dawk il-prodotti u servizzi li għandha bżonn, anzi tixtri prodotti li faċilment tgħaddi mingħajrhom biex tissodisfa lilha nnifisha.<br>**Unit 3, Objective 3, Learning Outcome Level 7** |
| 3 | 1,1 | **FALZ** | Fejn hemm għaqda ta' nies, hemm grupp soċjali.<br>**Unit 1, Objective 4, Learning Outcome Level 7** |
| 4 | 1,1 | **VERU** | Id-differenza bijoloġika bejn mara u raġel tissejjaħ sess.<br>**Unit 1, Objective 5, Learning Outcome Level 7** |
| 5 | 1,1 | **VERU** | Ir-reklami jħajruna nixtru dak li faċilment nistgħu ngħaddu mingħajru. L-internet, it-televiżjoni u r-radju l-ħin kollu jibbumbardjawna bir-reklami.<br>**Unit 3, Objective 4, Learning Outcome Level 5** |

**Total: 10 marki**

**Taqsima E**

| **Numru** | **Marki** | **Tweġiba**<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra rilevanti u valida għandha tiġi aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1 | 4 | Huwa dritt tal-individwu li jeżerċita l-vot. La dan id-dritt jingħata, huwa d-dmir taċ-ċittadin li jmur u jagħti l-opinjoni tiegħu dwar min għandu l-aħjar politika sabiex imexxi l-pajjiż 'il quddiem.<br>**Unit 2, Objective 3, Learning Outcome Level 7** |
| 2 | 4 | Fl-imgħoddi kien hawn il-mentalità li ċertu xogħol jagħmluh biss l-irġiel jew in-nisa. Illum dik il-mentalità qed titkisser għaliex kemm in-nisa u kemm l-irġiel qed jagħmlu ħafna |

| | | |
|---|---|---|
| | | mix-xogħlijiet komuni, kif fuq kollox għandu jkun.<br>**Unit 1, Objective 5, Learning Outcome Level 5** |
| 3 | 4 | Kevin u Sandra għandhom jagħmlu pjan kif ser iġemmgħu l-flus li għandhom bżonn biex jixtru dan l-appartament. Self mill-bank jista' jgħin sabiex ikunu jistgħu jagħmlu dan il-pass, filwaqt li parti mill-paga li huma jaqilgħu tagħmel tajjeb għal dan is-self.<br>**Unit 3, Objective 5, Learning Outcome Level 7** |
| 4 | 4 | Nicole għandha ddoqq il-qanpiena tal-bieb ta' din l-anzjana. Jekk ma jkun hemm l-ebda tweġiba għandha tara jekk l-ġirien rawx lil din l-anzjana u/jew tkellem lill-ġenituri tagħha bil-każ. F'każ fejn ħadd ma jkun raha għandhom iċemplu s-servizz tal-emerġenza fuq in-numru 112 biex jintervjenu.<br>**Unit 1, Objective 1, Learning Outcome Level 6** |
| 5 | 4 | Żgur li Owen mhux qed jagħmel sew. Meta tbiddel oġġett ta' kwalità tajba ma' oġġett ieħor l-aħħar mudell żgur ikunu qed jintefqu flus fil-vojt kif ukoll jinħoloq skart bla bżonn.<br>**Unit 3, Objective 3, Learning Outcome Level 7** |

**Total: 20 marka**

**Taqsima F**

| Numru | Marki | Tweġiba<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra rilevanti u valida għandha tiġi aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1 | 1 | Grupp ta' żgħażagħ, Missjoni, *Youth For Mission,* Għajnuna huma fost it-titli li jistgħu jingħataw lil din is-silta.<br>**Unit 1, Objective 4, Learning Outcome Level 6** |
| 2 | 3 | Dan il-grupp ta' żgħażagħ kellhom ikunu flessibli biżżejjed sabiex jagħmlu x-xogħol u l-kuntatti neċessarji sabiex jagħmlu l-proġetti msemmija. Kellhom ukoll jużaw il-komunikazzjoni verbali u nonverbali kemm bejn il-grupp, kif ukoll mal-kumplament tan-nies li ltaqgħu magħhom fiż-Żambja.<br>**Unit 1, Objective 3, Learning Outcome Level 6** |
| 3 | 2 | Jeżistu diversi gruppi soċjali fil-komunità li huma uniċi u li l-istudent jista' jsemmi, pereżempju l-għaqdiet sportivi, filantropiċi, mużikali u reliġjużi. (*L-istudent għandu jsemmi żewġ gruppi soċjali.*)<br>**Unit 1, Objective 4, Learning Outcome Level 6** |
| 4 | 2 | Aħna lkoll ċittadini globali. Dan ifisser li aħna responsabbli għal nies oħra f'pajjiżi madwar id-dinja li għandhom bżonn l-għajnuna tagħna.<br>**Unit 1, Objective 2, Learning Outcome Level 8** |
| 5 | 3 | Sabiex dawn iż-żgħażagħ għamlu din l-opra ta' karità żgur li kull wieħed u waħda mill-grupp għandhom dawn il-kwalitajiet pożittivi fil-personalità tagħhom: ġenerużi, onesti, umli, ottimisti u/jew ta' rieda tajba. (*L-istudent għandu jsemmi tliet kwalitajiet.*)<br>**Unit 1, Objective 3, Learning Outcome Level 6** |
| 6 | 4 | Fost il-vantaġġi li tkun parti minn grupp insibu:<br>• Jgħinna nibnu l-karattru u l-personalità tagħna,<br>• Titgħallem taqsam dak li jkollok, inkluż l-esperjenzi ta' ferħ u ta' niket, |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-grupp jista' jgħinna niżviluppaw it-talenti,<br>• Nitgħallmu minn xulxin billi naqsmu l-opinjonijiet flimkien.<br>(*L-istudent għandu jsemmi erba' vantaġġi.*)<br>**Unit 1, Objective 3, Learning Outcome Level 7** |
| 7 | 3 | Mingħajr dubju, kull persuna għandha jkollha l-istess drittijiet li għandu kulħadd. Sfortunatament, nisimgħu b'ħafna każi ta' persuni f'pajjiżi differenti li jbatu l-ħruxijiet, id-diskriminazzjoni u saħansitra anke l-qtil bla bżonn.<br>**Unit 2, Objective 5, Learning Outcome Level 7** |
| 8 | 2 | L-appoġġ morali u finanzjarju huma żewġ azzjonijiet li aħna nistgħu nieħdu sabiex ngħinu lil dawn il-persuni li jiddeċiedu li jħallu kollox warajhom sabiex jgħinu lil dawn in-nies barra minn pajjiżna.<br>**Unit 1, Objective 1, Learning Outcome Level 6** |

**Total: 20 marka**

**Taqsima G**

Il-marki jitqassmu bejn wieħed u ieħor kif ġej:
17 – 20: Eċċellenti
13 – 16: Tajjeb
10 – 12: Mhux ħażin
0 – 9: Mhux tajjeb

L-istudenti huma mistennija li joħorġu b'ideat bħal:

1. **Unit 1, Objective 1, Learning Outcome Level 7**
   Is-soċjalizzazzjoni tgħini sabiex nitgħallem nirrispetta lill-oħrajn billi nitgħallem:
   - nitkellem mal-oħrajn,
   - nuża ton ta' vuċi addattat għas-sitwazzjoni li nkun qiegħed fiha,
   - kif nagħmlu t-tajjeb mal-kumplament tal-komunità,
   - x'mhux suppost nagħmlu li bih inweġġgħu lil ħaddieħor,
   - il-manjieri ta' fuq il-mejda, x'għandi nagħmel u ma nagħmilx,
   - il-manjieri ġenerali sabiex tkun taf kif iġġib ruħek man-nies,
   - il-persuna titgħallem x'inhuma d-drittijiet u d-dmirijiet tagħha,
   - titgħallem x'inhi d-dixxiplina,
   - kull ħaġa oħra li nagħmlu.

2. **Unit 2, Objective 5, Learning Outcome Level 7**
   - Id-drittijiet tal-bniedem jirreferu għal dak kollu li jistħoqqlu jieħu l-bniedem mingħand l-oħrajn b'jedd, fejn jiġu mħarsa l-valuri u d-dinijità tal-persuna.
   - Dawn id-drittijiet huma importanti f'kull soċjetà għaliex ma jonqsu qatt milli jitkellmu dwar ir-rispett, il-ġustizzja u l-ugwaljanza.
   - Sfortunatament, nisimgħu b'ħafna każi li d-drittijiet tal-bniedem b'xi mod jew ieħor jiġu mċaħħda. Dan jiġri f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja.
   - In-nuqqas ta' ikel, xorb u affarijiet bażiċi oħra jinħassu f'diversi pajjiżi madwar id-dinja.
   - Il-piena kapitali tmur kontra wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem, għaliex ħadd m'għandu dritt li jneħħi l-ħajja ta' ħaddiehor, anke jekk il-persuna tkun żbaljat b'mod gravi.
   - Id-dritt għall-edukazzjoni u d-dritt tax-xogħol f'ċerti pajjiżi għadhom xi ftit 'il bogħod milli jingħataw liċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi.

3. **Unit 3, Objective 4, Learning Outcome Level 7**
   Fost it-tipi differenti ta' konsumaturi nsibu:
   - Dawk il-konsumaturi li jonfqu kull ma jkollhom.
   - Dawn it-tip ta' konsumaturi kif ikollhom il-paga, malajr jispiċċaw bla flus fil-but għaliex jonfquha kollha fi ftit jiem.
   - Hemm konsumaturi li jixtru meta jkun hemm l-offerti.
   - Hawn ħafna konsumaturi ta' dan it-tip li jistennew meta jkun hemm xi offerta qabel jaqbdu u jixtru l-prodott li jkollhom bżonn. Offerti u sales joħorġu minn żmien għal żmien biex iħajru l-konsumatur jixtri u b'hekk jeħilsu mill-istokk.
   - Konsumaturi oħrajn jixtru prodotti bl-isem tad-ditta.
   - Din tiġri l-aktar fil-prodotti tal-ħwejjeġ u taż-żraben. Prodotti li jġibu isem tad-ditta ħafna drabi jkunu jiswew aktar minn prodotti oħrajn li ma jkollhomx isem magħruf.
   - Hemm konsumaturi li jixtru prodotti u servizzi mingħajr ma jkunu ppjanaw.
   - Li tixtri b'mod spontanju fiha l-periklu tagħha, għaliex għalkemm tixtri bla ma tippjana meta ssib xi offerta jista' jirriżulta li tispiċċa bla paga għaliex ma tkunx ippjanajt li tixtri dak il-prodott.

**Total: 100 marka**

Persentaġġ tal-marki skont il-livelli:

| | |
|---|---|
| **Livell 8** | 8% |
| **Livell 7** | 58% |
| **Livell 6** | 23% |
| **Livell 5** | 11% |
| **Total** | **100%** |

(Livell 5 – 10% sa 15%; Livell 6 – 20% sa 30%; Livell 7 – 55% sa 65%; Livell 8 – 5% sa 10% )